**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Gunju 2016**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Gur. Nru. 361/11 JZM**

**Perit William Carbonaro (12045M), Perit Edward Micallef (317945M), Anthony Parlato Trigona (251045M) u Regent Holdings Limited (C-21310)**

***kontra***

**Raymond Vassallo (107544M) u ghal kull interess li jista` jkollha martu Mariella Vassallo (2649M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-<u>13 ta` April 2011</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi l-atturi Perit Arkitett William Carbonaro, Perit Arkitett Edward Micallef u Anthony Parlato Trigona u l-konvenut Perit Arkitett Raymond Vassallo*

*huma azzjonisti tas-socjeta` attrici Regent Holdings Limited (RHL) fl-import ugwali ta` mija u hamsa u ghoxrin (125) sehem kull wiehed. L-atturi Carbonaro, Micallef, Parlato Trigona huma wkoll diretturi tas-socjeta` attrici RHL kif del resto kien l-istess konvenut Vassallo qabel ma tnehha minn dak l-inkarigu skond il-ligi, u dan wara li huwa kien ikkommetta diversi atti lezivi fil-konfront tal-istess socjeta` liema atti kienu u huma suggett ta` proceduri ohrajn quddiem dawn il-Qrati ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici Regent Holdings (RHL) ma hijiex socjeta` li tinnegozja (trading) u li ghandha fatturat annwu generat minnha, izda tezisti biss biex izzomm l-import azzjonarju maggoritarju fis-socjeta` Winex Holdings Limited. RHL ghandha fil-fatt 51% tal-azzjonijiet ta` Winex Holdings Limited u annwalment tircievi dividends minn ghand l-istess socjeta` Winex u mbaghad tqassam l-istess dividends percepiti minnha lill-azzjonisti taghha Carbonaro, Parlato Trigona, Micallef u Vassallo ;*

*3. Illi sabiex hija kienet tista` takkwista dawn l-ishma maggoritarji fis-socjeta` Winex Holdings Limited, RHL inghatat il-fondi necessarji tramite shareholders` loans minn ghand l-azzjonisti taghha, f`import ugwali bejniethom, li kienu jikkonsistu f`total ta` circa erba mija u tmenin elf euro (480,000 EUR). Dawn it-transazzjonijiet, murija fil-kontijiet awditjati tas-socjeta` bhala shareholders` loans kienu r-rizultat ta` paper transactions li permezz taghhom minflok ma ngabru flus dovuti bhala drittijiet professjonali u djun ohrajn mill-azzjonisti, dawn l-istess gew investiti fil-kumpannija u permezz taghhom l-istess socjeta` RHL setghet takkwista dawk l-azzjonijiet f`Winex Holdings Limited kif fil-fatt ghamlet ;*

*4. Illi l-azzjonisti kollha kienu jafu, jammettu u ma jistghux jghidu mod iehor, li dawn il-loans kienu minghajr imghax, minghajr data ta` hlas lura u dawn il-loans kienu, u ghadhom, jippermettu lis-socjeta` RHL tippercepixxi d-dividend distribwit minn Winex u a loro volta ridistribwit lill-istess azzjonisti li jgawdu l-frott ta` l-investiment taghhom, u dan minghajr ma hargu fizikament flus fl-investiment inizzjali ;*

*5. Illi bis-sahha ta` dawn il-loans allura, kemm il-konvenut Vassallo kif ukoll l-atturi Carbonaro, Micallef u Parlato Trigona ircevew tul is-snin hlasijiet importanti u ingenti u kellhom ritorn tajjeb hafna fuq l-investiment taghhom, haga li ghadha ghaddejja sal-lum ;*

*6. Illi minkejja dan il-fatt assodat, u b`mod sorprendenti u ghar-ragunijiet tieghu, il-konvenut Vassallo, wara diversi kawzi kontra l-atturi li ma fihom l-ebda bazi la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u sabiex malizzjozament ipoggi l-kumpannija fuq irkobbtejha halli jirnexxielu l-pjan tieghu li jxolji l-kumpannija u jiehu kontroll indirett tas-socjeta` Winex Holdings Limited, minghajr l-ebda forma ta` preavviz,*

*iddecieda li jressaq mandat ta` sekwestru kontra s-socjeta` RHL segwit b`kawza (kawza numru 1199/2010 MCH fl-ismijiet Raymond Vassallo et vs Regent Holdings Limited) fejn permezz taghhom talabha thallas immedjatament is-shareholders` loan tieghu meta huwa jaf ben tajjeb li din is-socjeta` m`ghadhiex attiva fil-kontijiet bankarji taghha u ma taghmilx negozju hlief li tircievi u tiddistribwixxi d-dividends annwali li tircievi minn ghand Winex Holdings Limited ;*

*7. Illi dan huwa ezercizzju totalment sproporzjonat u abbusiv ta` kwalunkwe dritt li kien jispetta lill-konvenut Vassallo, jikkostitwixxi abbuz ta` dritt u jmur lil hinn mill-"uzu ta` dritt fil-qies li jmiss" ai termini tal-Artikolu 1030 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, in kwantu bl-agir vessatorju tieghu il-konvenut l-ewwel sellef u wassal lis-socjeta` RHL sabiex tinvesti u ma zzomm l-ebda riserva f`kontanti kif kien dejjem maqbul, imbaghad wassalha f`punt fejn talabha ghall-gharrieda l-hlas totali lura minghajr l-ebda forma ta` pre-avviz, b`ezercizzju malizzjuz u abbusiv tad-drittijiet tieghu, liema ezercizzju kif sejjer jigi ppruvat ikkawza danni ingenti lill-atturi u ressaq lill-RHL verament vicin ghal sitwazzjoni ta` xoljiment ;*

*8. Illi mhux bi zball li fil-mandat kawtelatorju in kwistjoni l-intimat Vassallo indika wkoll lill-Winex Holdings Limited bhala sekwestratarja u dan bl-iskop li jwaqqaf il-flussi ta` flus lejn RHL u jpoggiha u lill-atturi kollha f` sitwazzjoni finanzjarja prekarja ;*

*9. Illi dan l-agir vessatorju u in malafede, bi ksur dirett tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta dwar kif ghandhom jigu ezegwiti l-kuntratti, gie ipprezentat mill-konvenuti bhala kawza semplici ghall-hlas lura ta` dejn cert mentri fir-realta` huwa agir li kien intiz sabiex ikisser lis-socjeta` RHL ghall-iskopijiet tieghu u sabiex din titwassal f`punt ta` minghajr ritorn ;*

*10. Illi izda d-Diretturi, konxji mill-obbligi taghhom lejn il-kumpannija, fil-waqt li rrikonoxxew-kif dejjem ghamlu- l-ezistenza ta` tali shareholders` loans sfaw kostretti, fl-ahjar interess tal-kumpannija sabiex japprovaw self bankarju lill-kumpannija halli dina tkun tista` thallas is-shareholders` loans kif mitlub minn Vassallo u in garanzija ta` dan is-self sahansitra kellhom ifornu garanziji personali u ipoteki fuq proprjetajiet taghhom personali ;*

*11. Illi dan is-self sar, il-garanziji gew forniti, il-hlasijiet saru lill-azzjonisti minghajr l-ebda diskriminazzjoni bejniethom u sahansitra giet ammessa l-kawza mressqa minn Vassallo quddiem din l-Onorabbli Qorti ;*

*12. Illi dan kollu specjalment xhin wiehed iqis li qatt u fl-ebda mument ma kien hemm xi kontestazzjoni dwar dawn l-ammonti, ikkaguna danni ngenti lis-socjeta` attrici li sfat kostretta tissellef biex thallas immedjatament dawn is-shareholders` loans ghaliex fin-nuqqas il-prospett l-iehor kien ix-xoljiment taghha u dan meta hija taghmel negozju profitabbli, cert u li jiggenera flussi importanti ta` flus ;*

*13. Illi dawn id-danni, li ghalihom huwa unikament responsabbli l-konvenut Vassallo ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, jikkonsistu inter alia fl-imghaxijiet bankarji kollha nkorsi u li ser jigu nkorsi ntortament minn RHL, l-ispejjez legali tas-self u l-fatt li l-atturi kellhom johorgu garanziji patrimonjali u jintrabtu ghal numru ta` sin sabiex jaghmlu tajjeb ghal tali dejn li fih innifsu ghandu valur, u in vista tal-proprjetajiet in kwistjoni, valur sinjifikanti ;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u ghar-ragunijiet li ser jigu ppruvati fit-trattazzjoni ta` din il-kawza, l-atturi umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti ghandha :*

*(1) Issib lill-konvenuti Vassallo responsabbli ghad-danni kagunati lis-socjeta` Regent Holdings Limited u lill-atturi l-ohrajn permezz tal-agir malizzjuz u vessatorju tieghu li jikkostitwixxi abbuz fl-ezercizzju tad-drittijiet li seta` kellhom l-istess konvenuti Vassallo ;*

*(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont totali tal-ispejjez, l-imghaxijiet bankarji u drittijiet varji sofferti mis-socjeta` Regent Holdings Limited u d-danni kollha inkluz telf ta` qliegh sofferti mill-atturi Carbonaro, Micallef u Parlato Trigona, okkorrendo bil-hatra ta` periti nominandi ;*

*(3) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi.*

*Bl-imghaxijiet u l-ispejjez tal-kawza odjerna u tal-mandati kawtelatorji li qed jikkawtelaw dawn il-proceduri kontra l-istess konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata li kien ipprezentat fl-<u>24 ta` Mejju 2011</u> u jaqra hekk :–

A. ***L-eccezzjonijiet legali***

*1. ILLI l-eccezzjoni tal-esponenti hija illi huwa ma kkawza ebda danni lill-esponenti, u ma ghandu ebda responsabbilta` ghad-danni pretizi ;*

*2. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ghamlu uzu legittimu, fil-limiti xierqa, legittimi u legali, tad-drittijiet legali taghhom. Ma naqsu b`ebda eccess jew disproporzjonalita` kif pretiz mill-atturi, anzi kienu l-atturi responsabbli ghal atti lesivi, dannegjati li jirrenduhom legalment responsabbli lejn il-konvenuti, kif ser jigi spjegat fil-kors tat-trattazzjoni ;*

B. ***Is-sottofond fattwali***

*3. ILLI huwa akkolt illi l-konvenut il-Perit Raymond Vassallo kien direttur fis-socjeta` Regent Holdings Limited, flimkien mal-atturi il-Perit Carbonaro, il-Perit Micallef u Anthony Parlato Trigona. Jizdied pero` jinghad illi l-konvenut Raymond Vassallo kien tnehha mill-kariga ta` Direttur wara vot maggoritarju ta` l-azzjonisti l-ohra, cioe` l-atturi Carbonaro, Micallef u Parlato Trigona: dawn flimkien ma` Raymond Vassallo kellhom 25% ta` l-azzjonijiet kull wiehed; flok il-Perit Vassallo tqieghdu Dr.Francis Carbonaro, iben il-Perit Carbonaro. u s-sena ta` wara Michael Parlato Trigona, iben Anthony Parlato. Dan qed jinghad biex jerga` jigi enfasizzat il-fatt illi Carbonaro, u mieghu Parlato, ilhom jisfruttaw l-istruttura tal-kumpannija Regent u izjed u izjed dik tal-kumpannija sussidjarja Winex Holdings Limited. "De facto" ghalhekk il-hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) influwenza u kontroll li kien igawdi Vassallo fil-Bord tas-socjeta` attrici, illum ghadha, konsegwenza ta` din il-manuvra, f`idejn il-familji Carbonaro u Parlato Trigona ;*

*4. ILLI hija kontestata bil-qawwa kollha l-asserzjoni attrici illi l-konvenut Raymond Vassallo tnehha minn direttur "wara li huwa kien ikkommetta diversi atti lezivi fil-konfront ta` l-istess socjeta`". Pjuttost, huma attribwiti lill-atturi malafede, azzjonijiet ta` konflitt ta` interess, u gestjoni fejn l-interess veru u l-motivazzjoni kienu l-interessi tal-Perit William Carbonaro il-mens li kellha l-akbar konflitt, assistit u adoperat minn Anthony Parlato Trigona li halla l-komplicita` attiva tieghu. L-essenzjalita` tal-kronaka hija illi Raymond Vassallo kien qed jara l-mod koncertat kif il-kumpannija Regent, u aktar u aktar il-kumpannija sussidjarja taghha Winex Holdings Limited, kienet qedha titmexxa fl-interess ta` Carbonaro u Parlato Trigona-il-lanjanzi u danni relativi huma elenkati fid-dettal fir-rikors 842/09 JZM quddiem din il-Qorti. Fil-kaz ta` Regent Holdings Limited, kien hemm zewg nuqqasijiet fondamentali konsegwenza ta` tmexxija in mala fede: l-ewwel, billi il-firma tal-konvenut Vassallo kienet rikjesta skond l-articles, l-atturi gibdu flus kontanti mill-kont ta` Winex holdings biex jghaddu b`mod abusiv dividend lil Regent Holdings Limited: b`hekk iccirkoskrivew il-htiega tal-firma ta` Vassallo. Tali*

*procedura tmur kontra r-regoli u l-prassi ta` l-accountancy,billi hekk intilef l-"audit trail" tal-hlasijiet. It-tieni att abbuziv kommess mill-atturi huwa illi uzurpaw id-dettami tal-Companies Act li jirrikjedi l-approvazzjoni tal-final dividend f`laqgha generali ta` l-azzjonisti. Fil-kaz ta` Regent Holdings Ltd., il-vot irid ikun wiehed ta` tmenin fil-mija, kif provdut fl-articles tal-kumpannija, proprju biex tigi evitata l-oppressjoni ta` xi azzjonist minoritarju. L-atturi ilhom ghal `il fuq minn sentejn, dejjem isejhu d-dividend bhala interim, anki meta fil-fatt ikun wiehed finali, biex jippruvaw jevitaw l-approvazzjoni fil-laqghat generali. Dan qed jinghad biex jirribatti l-asserzjoni illi kien l-esponent li ghamel azzjonijiet danneggjanti lill-kumpannija. L-azzjonijiet danneggjanti saru mill-atturi; dan kollu qed jinghad u huwa marbut mat-talba attrici biex juri illi fil-fatt il-mizuri lesivi allegati kienu kommessi mill-atturi u mhux mill-konvenuti; il-parti danneggjata ingustament hija Vassallo li kien kostrett jaghmel l-interventi msemmija, inkluza l-kawza 1199/2010 MCH, li kienet ezercizzju ta` dritt fil-limiti proprji ;*

*5. In kwantu l-esponenti Vassallo kien sar skomdu hafna ghall-atturi, dawn abuzivament uzaw il-maggoranza taghhom biex inehhuh minn direttur. Jissemma illi l-esponenti konjugi Vassallo intavolaw zewg procedure a tenur ta` l-art 402 tal-Companies Act, 842/09 JZM u 750/09 JZM fejn appuntu qed jilmentaw illi t-tmexxija ta` diversi socjetajiet inkluza s-socjeta` Regent Holdings, qed issir b`mod oppressive u ta` pregudizzju; fir-rikors 750/09 JZM qed tigi prospettata l-ipotesi tax-xoljiment tal-kumpannija Regent Holdings Ltd.; l-azzjoni ta` l-esponenti rikors 1199/10 MCH hija biss kontinwazzjoni naturali u logika tar-rikors 750/09 JZM fid-dawl tal-oppressjoni li kompliet issehh permezz ta` sekwestru iehor abbuziv u vessatorju; kien f`dan l-istadju li Vassallo talab lura dan il-loan, liema intervent kien jorbot ma` l-ewwel rikors ;*

*6. ILLI qabel ma tigi indirizzata ezattament il-pretensjoni korrenti u that twegiba, ghalhekk huwa fundamentali fil-kuntest is-sottofond, u jinghataw zewg ezempji: il-Perit William Carbonaro, u b`awtorita` diskutibbli ghan-nom tal-kumpannija Windsor Holdings Limited, ottjena sekwestru kawtelatorju kontra l-esponenti konjugi Vassallo, fuq bazi ta` kreditu allegat, u liema kreditu disdett anke mill-uditur tas-socjeta` meta xehed quddiem il-Qorti fit-talba ghar-revoka tas-sekwestru kawtelatorju. Windsor Holdings Limited hija kumpannija ohra fejn il-beneficjarji ahharin taghha huma l-familja Carbonaro kwantu ghan-nofs, il-familji Parlato Trigona u Vassallo ghall-kwart rimanenti kull wiehed. Manuvra oppressiva varata ohra hija ma l-ghoti tad-dividends ta` Regent lill-azzjonisti, li jinkludu l-esponenti Vassallo, id-dividend inghata aktar tard mis-soltu biex ikun jista` jinqabad mis-sekwestru msemmi. Il-kolmo huwa illi d-dividend u s-sekwestru fuq l-istess gew sinkronizzati sabiex saru ezattament lejliet it-tieg ta` bint Vassallo ;*

C. ***Il-Kuntest ta` l-azzjoni prezenti***

*7. ILLI l-esponenti Vassallo faccati b`dawn ic-cirkostanzi, ddecidew illi jitolbu lura l-ammont ta` mija u ghoxrin elf Euro dovut lilhom mis-socjeta` attrici. Jinghad illi kien dovut l-istess ammont lill-atturi Carbonaro, Parlato. Din ir-reazzjoni giet naturalment provokata wara tnehhija tal-Perit Vassallo minn direttur ta` Regent Holdings Limited u wara s-sekwestru abbuziv li cahhad id-dividend ta` Regent milli jasal ghand Vassallo. L-esponenti ma jaccettawx it-tezi illi s-shareholders` loans kienu paper transactions: kif ser jispjega l-esponenti, jezisti rapport preciz li jiggustifika dan il-kreditu, tant, illi huwa rifless fl-audited accounts; il-kawza 1199/2010 MCH dwar il-hlas lura tal-flejjes mislufa minn Vassallo kien, kif spjegat, process provokat mill-abbuz tal-atturi, u juri kif l-intervent ma huwiex wiehed eccessiv, u anzi uzu ta` dritt fil-limiti proprji tieghu, u mhux abbuz ta` dritt, kif allegat mill-atturi. Fuq dan il-punt biss, kif provdut mill-art. 1093 tal-Kodici Civili, it-talba attrici ghandha tigi michuda ;*

*8. ILLI l-atturi nvokaw l-artikolu celebri 993 tal-Kodici Civili, ta` fama Gustiniana u Napoleonika : l-ezekuzzjoni ta` kuntratti in bona fede f`dan il-kaz ihares lejn il-Memorandum and Articles of Association, li kien intiz li jaghtu kontroll egwali lill-erba` azzjonisti, tant illi rizoluzzjoni trid 80% tal-voti (l-unanimita`) u wkoll erba` firem ghar-rapprezentanza legali ta` kuntratti u cheques, hlasijiet etc. It-tnehhija minn direttur saret "for an improper purpose u kien dan l-agir ta` l-atturi li mar kontra l-ittra u l-ispirtu tal-esekuzzjoni in bona fide ta` l-art. 993 tal-Kodici Civili ;*

*9. ILLI l-esponenti jqis illi l-atturi agixxew in mala fidi meta naqsu milli jisvelaw il-kuntest kollu tas-scenario, li wassal ghall-azzjonijiet prezenti. Ukoll naqsu milli jizvelaw fatt rilevanti li ser jigi issa espost. Ghalhekk, jerga` jigi ribadit, huwa essenzjali l-kuntest ta` l-azzjoni u din ma tistax tigi valjata barra minn dan il-kuntest. L-esponenti spinti kif kienu mic-cirkostanzi agixxew kontra s-socjeta` Regent Holdings Limited 1199/2011 MC fl-ismijiet "Raymond Vassallo et v. Regent Holdings Limited" sabiex jithallsu ammont lilhom dovut. Ir-rikorrenti odjerni Carbonaro, Micallef, Parlato Trigona inizjalment opponew it-talba, ammettewha sussegwentement. Din il-bidla fil-posizzjoni, hija dimostrativa essenzjali tal-mala fidi ta` l-atturi. Biex imbaghad l-istorja tigi konkluza, li ghamlu kien illi ddepozitaw l-ammont dovut lill-konjugi Vassallo il-Qorti u ghamlu sekwestru fuqu. Simultaneament, jidher illi ottjenew finanzjament mill-Bank biex hallsu lilhom infushom ;*

*10. ILLI l-esponenti jirreferu ghall-mod li giet spjegata l-azzjoni ta` l-atturi meta hadu self bankarju. Dawn allegaw illi l-kumpannija hadet prestitu bankarju, "halli tkun tista` thallas ix-shareholders` loans kif mitlub minn Vassallo", Artikolu 10 tar-rikors promotur. Jigi precizat illi Vassallo talab biss lura il-loan tieghu ghar-ragunijiet minnu gustifikati u spjegati. Biex jithallas dan is-self biss ma kienx hemm bzonn self bankarju : dan ghaliex bis-sekwestru li pprezenta kontra Regent Holdings*

*Limited biex jikkawtela is-self lura ta` dan il-hlas tieghu, gew sekwestrati immedjatament ghoxrin elf Euro (€20,000); il-bilanc tal-pretensjoni ta` mitt elf Euro (€100,000) setghu jithallsu miz-zewg jew tliet dividends li jmiss u li jithallsu kull sitt xhur; jirrizulta mela illi s-self bankarju kien inutli, u sar unikament ghall-iskop personali taghhom, biex jithallsu huma immedjatament. Huma ghalhekk ghamlu ezattament dak illi ilmentaw fir-rigward ta` Vassallo. L-unika raguni ta` din il-bidla radikali ta` posizzjoni hija sabiex l-atturi javvantaggaw lilhom infushom, waqt li jkomplu jopprimu lil Vassallo b`sekwestru iehor frivolu u vessatorju ;*

*11. ILLI barra minn hekk, kif issa l-istess rikorrenti jistghu jakkuzaw lil Vassallo li huwa abbuza mid-drittijiet tieghu u li mexa b`mod malizzjuz, meta huma stess qua diretturi ta` Regent Holdings Limited, ammettew it-talba li Vassallo ghamel kontra Regent Holdings Limited? Din hija kontradizzjoni manifesta. L-ammissjoni tal-kawza 1199/2010 MCH, da parti tal-atturi tikkonferma illi Vassallo mexa fil-limiti tal-Artikolu 1030 tal-Kap. 16 u ghalhekk jidher car li l-kawza prezenti hija frivola u vessatorja ;*

*12. ILLI ghalhekk dan l-atteggjament juri l-konflitt fundamentali fid-doveri fiducjarji ta` Diretturi lejn il-kumpannija, ghaliex dawn huma mizuri evidenti ta` self dealing li jivvjola d-dover ta` Direttur li jevita konflitt ta` interess. Irid pero` jinghad illi kien hemm volte face fondamentali fil-posizzjoni ta` l-atturi odjerni, illi minn sitwazzjoni fejn dawn innegaw u rrifjutaw il-pretensjoni, mhux talli hallsuha izda wara ghamlu l-istess haga ghalihom infushom. Fil-process biex l-atturi jhallsu lilhom infushom, huma hadu facilita` bankarja biex ghabbew il-kumpannija. Sahansitra l-atturi waslu biex stqarru illi l-hlasijiet saru minghajr diskriminazzjoni bejn id-diversi azzjonisti, Artikolu 11. Fl-istess waqt is-socjeta` Regent hadet posizzjoni ambigwa ta` sekwestranti u sekwestratarja illi l-ewwel thallas imbaghad tinnotifika lilha nfusha u tissekwestra f`idejn l-esponent ;*

*13. ILLI fid-dawl ta` dan is-suespost, l-esponenti jissottomettu inoltre illi legalment ma giet stabbilita ebda responsabbilta` jew nuqqas lill-esponenti, li tista` tkun il-bazi ta` l-attribuzzjonijiet. Jekk xejn, huma r-rikorrenti illi ghabbew lill-kumpannija bil-oneru tal-finanzjamenti u l-interessi bankarji-ma jintesiex illi l-esponent ghandu kwart interess f`Regent; l-esponenti jixtiequ jaghmlu f` dan il-kuntest riferenza ghal decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta fejn implicitament il-Qorti ma accettatx ir-regolarita` ghal dak li huwa hlas li ammont jigi l-ewwel depositat u imbaghad sekwestrat, dan jitqies li ma sarx pagament, PA, 911/992 JRM, "Pamela Wathen proprio et nomine vs. Alexander Patrick Cutajar et", deciza fil-21 ta` Marzu 2001. Jigi ccarat illi dan kien rikors ghal kundanna hlas ta` kera. Il-Qorti hekk irragunat :-:*

*" … il-Mandat inhareg kontra l-atturi mill-kumpannija kontrollata mill-imharrkin. L-ghazla li jinbdew il-proceduri bil-Mandat kienet taghhom u ma jidhirx*

*la xieraq u lanqas ekwu li jressqu bhala raguni tan-nuqqas ta` hlas f`waqtu minn naha taghhom lill-atturi f`din il-kawza l-istess mandat mahrug minnhom".*

*Il-principju li johrog minn din il-kawza hija illi l-Qrati ma jharsux b`mod tajjeb lejn sitwazzjoni fejn debitur taparsi jhallas debitu u fl-istess jerga` jibblokkah b`sekwestru iehor. Dan qed jinghad biex juri illi din l-istanza hija verament wahda vessatorja, animata minn mala fidi u l-bazi taghha huwa konflitt serju ta` interess li allura ma ssib ebda fundament it-talba ghal danni ;*

*14. ILLI fl-ahhar nett, l-esponenti jghidu illi huma qeghdin jirriservaw il-posizzjoni taghhom ghal danni u kull dritt jew azzjoni ohra skond il-ligi kontra l-atturi.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet li saru fl-udjenza tat-8 ta` Jannar 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Sintesi tal-provi</u>

**<u>Perit William Carbonaro</u>** xehed illi huwa direttur u azzjonista ta` Regent Holdings Limited u kif ukoll direttur ta` Winex Holdings Limited.

Ipprezenta x-xiehda bl-affidavit.

Jilmenta dwar il-fatt illi l-konvenut minflok ma` accetta l-volonta` tal-maggoranza fis-socjeta` u baqa` jahdem fl-interess taghha ghamel krucjata kontra taghha u ghamel li seta` biex jeqridha.

Ighid illi r-relazzjoni ta` negozju bejniethom kienet wahda li tmur lura ghal diversi snin u kienu ghamlu diversi progetti flimkien fejn marru tajjeb ilkoll. Jispjega illi hu, Anthony Parlato Trigona, Perit Micallef u Perit Vassallo huma azzjonisti tas-socjeta` attrici fl-import indaqs ta` 125 sehem kull wiehed, ossija 25%. Kienu lkoll diretturi izda mbaghad il-konvenut tnehha minn direttur wara li ghamel diversi atti lesivi ghall-interess ta` Regent Holdings Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "**Regent**").

Qal illi Regent mhijiex *trading company* li tiggenera xi forma ta` *turnover* fis-sena izda tezisti biss biex izzomm il-maggoranza tas-*shares* fis-socjeta` Winex. Regent ghandha 51% tal-ishma ta` Winex u kull sena tircievi *dividends* minghand Winex, u mbaghad tqassam id-*dividends*. Sabiex setghet takkwista l-ishma fil-maggoranza ta` Winex, Regent inghatat il-fondi necessarji permezz ta` *shareholders` loan* minghand l-azzjonisti taghha, b`import indaqs bejniethom, li kien ta` €480,000. Dan kollu jidher fil-kontijiet awditjati ta` Regent bhala *shareholders` loans* u kienu r-rizultat ta` *paper transactions* li permezz taghhom minflok ma ngabru flus dovuti bhala drittijiet professjonali u djun ohra mill-azzjonisti ghal xoghol li kienu ghamlu, l-istess kienu nvestiti f`Regent, u permezz taghhom, Regent setghet takkwista l-ishma ta` Winex. Din tal-ahhar hija s-sid ta` immobbli go Tigne Street, Sliema, u l-kontijiet kienu jirrigwardaw drittijiet professjonali bhala periti tieghu fil-kaz tieghu, tal-Perit Micallef u l-konvenut, kif ukoll hlas ghal servizzi ta` *project management* minn Anthony Parlato Trigona.

Xehed illi l-ftehim kien li Regent kellha tahtar il-maggoranza tal-bord tad-diretturi ta` Winex u l-erba` azzjonisti kollha kellhom jkunu diretturi ta` Regent. Kienu mistiedna membri minoritarji jidhlu fil-progett ta` Winex izda kienu jaghrfu u jaccettaw li l-investiment taghhom fl-impriza qatt ma kien ser jaghtihom id-dritt li jiddeciedu kif titmexxa Winex. Is-sitwazzjoni baqghet hekk sakemm il-konvenut beda jahdem kontra l-interessi ta` Regent, u beda jattakka prattici dwar it-tmexxija tal-kumpanniji li dejjem kienu u baqghu l-istess.

Ighid illi l-konvenut beda jissuspetta bl-ikrah fit-tliet persuni atturi, beda jaghmel allegazzjonijiet frivoli fil-konfront taghhom, u wera li ma kienx aktar komdu fin-negozju maghhom. Dan l-agir tal-konvenut kien fil-miftuh tant li kien iddikjara fl-apert li ried izarma lil Regent. Li kieku rnexxielu, l-ishma ta` Regent f` Winex kienu jghaddu fuq l-erba` azzjonisti u b`hekk kull wiehed kien jispicca b` 12.75% tas-*shares* ta` Winex. L-iskop tal-konvenut li jzarma lil Regent kien sabiex hu u l-familja tieghu ossija huh bi 15% u ibnu David bi 1.25% f`kolp wiehed ikun xolja Regent, u akkwista vot b`sahhtu hafna go Winex ekwivalenti ghal 29.55%. B`hekk, il-blokk ta` l-konvenut isir l-akbar block.

Skont Carbonaro, il-konvenut qal dan kollu fl-ittra lill-azzjonisti ta` Winex tas-6 ta` Frar 2009.

Kompla jghid illi l-konvenut ma waqafx hemm. Fix-xahar ta` Jannar 2009, il-konvenut kiteb lill-Bank of Valletta fejn tahom struzzjonijiet biex ma jonorawx cheques ta` Winex li ma jkollhomx il-firma tieghu. Effettivament huwa kkancella l-*mandate forms* tal-bank sabiex Regent ma tkunx tista` tibqa` tircievi d-*dividends* minn Winex. In segwitu, il-konvenut beda ma jattendix ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi, u beda jirrifjuta li jiffirma cekkijiet. Il-konvenut qatt ma gab `il quddiem xi proposta konkreta. Ried biss izarma lil Regent.

Qal illi f`Mejju 2009 il-konvenut holoq battalja dwar multi nkorsi minn Regent mal-MFSA.

Spjega li huma qatt ma fehmu kif il-konvenut seta` jqis ruhu anqas responsabbli minnhom ghal dawk il-multi.

Ighid illi billi s-sitwazzjoni baqghet taggrava, fid-9 ta` Gunju 2009, issejhet laqgha fejn tnehha l-konvenut tnehha minn direttur ta` Regent.

Stqarr illi Perit Vassallo kien ghamel li seta` biex iwaqqaf dak il-pass izda ma kienx irnexxielu ghaliex il-proceduri tentati minnu fil-qorti kienu respinti.

Ighid illi l-konvenut beda l-kawzi fil-qrati fejn allega li kien twettaq pregudizzju kontra tieghu ghaliex kien azzjonista ta` minoranza.

Isostni li mal-kawzi l-konvenut ipprezenta mandate kawtelatorji.

Ighid illi ftit tal-granet biss qabel pprezenta kawza minnhom, Vassallo talab spjegazzjoni dwar cheque ta` Winex ghal €10,413.60c.

Ighid li dak kien rifuzjoni normali ta` *petty cash* lil Parlato Trigona ; il-pagament deher ukoll fl-*accounts.* Il-konvenut qies dak ic-cheque bhala abbuz u baghat email lill-membri ta` Winex sabiex johloq nuqqas ta` fiducja.

Stqarr illi Vassallo ghamel uzu ta` *l-internet banking viewing rights* b`mod abbuziv. U kien ghalhekk li tnehhewlu dawn id-drittijiet u wara tnehha minn direttur ta` Winex fix-xahar ta` Novembru 2009.

Fisser illi l-konvenut ipprezenta l-kawza bin-nru 1199/2010 ; maghha mandat ta` sekwestru minghajr l-ebda forma ta` preavviz. Ghamel il-kawza biex jirhu luras-*shareholders` loan* ta` €120,000.

Ighid illi t-talba saret meta Vassallo kien jaf li Regent ma kellhiex flus kontanti.

Spjega li ladarba kien hemm talba ghall-hlas immedjat ta` dak is-self, Regent kienet ser tispicca insolventi.

Ighid illi kieku thallas il-konvenut biss, dak il-fatt kien ser johloq diskriminazzjoni mal-azzjonisti l-ohra li kienu sellfu lil Regent. Ghalhekk saru negozjati mal-bank sabiex jinghata self ; dan gab diversi spejjes.

Ighid illi Vassallo seta` formalment talab l-hlas lura tal-*loan* u kien isir ftehim dwar zmien u modalita` ta` hlas.

Sabiex ittiehed is-self, hu u haddiehor kellu jaghti garanziji personali u ipoteki fuq proprjetajiet taghhom personali.

Stqarr illi l-kawza bin-nru 1199/2010 kienet ammessa sabiex jigu minimizzati l-ispejjez.

In segwitu kien deciz illi Regent tagixxi biex tirkupra l-ispejjez li hi u l-azzjonisti taghha garrbu *di persona*.

Ghalhekk saret il-kawza tal-lum.

Jinsisti li bit-talbiet fil-kawza tal-lum qieghed jintalab risarciment ta` danni frott l-agir illegali tal-Perit Vassallo ; l-agir kien jikkonsisti fil-korrispondenza nociva mal-bank, il-blokk ta` *meetings* ghaliex ma kienx prezenti, il-blokk ta` facilitajiet ta` cheques, u disseminazzjoni ta` informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija lil terzi. Inoltre Vassallo uza metodi malizzjuzi sabiex jassikura l-insolvenza ta` Regent.

Ipprezenta l-kronologija ta` kif sehhew il-grajjiet li wasslu ghall-kawza tal-lum.

Ighid illi l-kawza tal-lum saret ghaliex Regent inkorriet spejjez ghall-azzjonijiet li ghamel il-Perit Vassallo.

Jinsisti li t-talba tal-konvenut li jitlob ir-rifuzjoni tas-self kienet parti minn pjan. Vassallo kellu dritt jitlob rifuzjoni tal-*loan* izda hadd ma kien talab il-hlas lura peress li qatt ma kellha l-assi.

Ighid illi meta sar is-sekwestru, ittiehdet decizjoni li jsir self mill-bank. Wara kienet ammessa l-kawza li ghamel Vassallo ghar-rifuzjoni ta` self.

Qal illi ghall-ewwel il-banek ma ridux isellfuhom ghax kienu jafu bid-dizgwid. Imbaghad sar self fejn is-sehem tal-konvenut kien depozitat il-Qorti mentri huma thallsu €99,000 minflok €120,000. Ir-rimanenti baqghu *shareholders` loan.*

Qal illi s-self tal-bank kien ghadu qed jithallas.

Stqarr illi Regent Holdings tqassam *dividend* ta` cirka €90,000 fis-sena. Id-*dividend* qed imur biex jinqata` s-self tal-bank. L-arrangament huwa li Winex tghaddi direttament lill-bank id-*dividends* dovuti lil Regent. L-imghax fuq is-self huwa ta` 6.25% fis-sena.

Carbonaro jistqarr illi kien biss b`kumbinazzjoni li l-mandat ta` sekwestru kontra Vassallo sar lejliet it-tieg ta` t-tifla tieghu.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma illi l-konvenut ma marx ghal-laqghat tal-kumpannija, irrifjuta li jiffirma cheques tal-kumpannija, u ghamel sekwestru minghajr preavviz. Regent ma setghetx tammetti l-kawza ghall-hlas lura tas-self lil Vassallo peress li l-kumpannija kienet tispicca insolventi. Intant bdew ifittxu bank biex jottjenu self. Malli kisbu s-*sanction letter*, huwa ta struzzjonijiet lill-avukati biex jammettu l-kawza. Insista li l-ammont dovut lill-konvenut kien depozitat il-Qorti peress li kien sekwestrat. Il-konvenut azzjonista ta` Winex. Meta hu agixxa biex Vassallo jitnehha minn direttur, ghamel dan fl-interess tal-kumpannija. Meta ttiehed is-self ta`Banif, kienu jafu bil-kawza pendenti kontra Regent.

Qal illi skont l-accounts ta` Winex ghall-2011, is-socjeta` qassmet €272,536.00 *dividends* lill-membri taghha. Regent irceviet €138,993.36c. Fil-bidu ta` April 2011, il-kotba kien jindikaw li kien hemm *sharholders` loan* favur tieghu ta` €118,538.25c. Meta fis-6 ta` April 2011, Regent hadet self mill-bank, huwa rcieva € 90,000 permezz ta` banker`s draft u baqghalu bilanc favur tieghu ta` €28,538.25c. Il-bilanc kellu jithallas fi zmien ta` mhux aktar minn sentejn. Il-membri talbu li jithallsu imghax xieraq fuq il-bilanc izda l-kwistjoni ta` interessi ma kenitx ghadha determinata mill-Bord. Bejn is-6 ta` April 2011 u l-31 ta` Dicembru 2011, sar hlas net lura mis-socjeta` sabiex il-bilanc favur tieghu kien ta` €22,038.25c.

Qal illi fil-bidu tal-2009, Vassallo beda jirrifjuta li jiffirma c-cheques. Fiz-zmien ta` bejn l-1 ta` Jannar 2009 u d-9 ta` Gunju 2009, Vassallo ffirma cheque wiehed biss. Wara li tnehha minn direttur, gew iffirmati numru ta` cheques fosthom cekk lill-MFSA. Dan ic-cheque tal-MFSA li ma riedx jiffirma Vassallo kien iffirmat mid-diretturi kollha wara li Vassallo tnehha minn direttur. Dak ic-cheque ma kienx intbaghat peress li kienet griet xniegha li ser tohrog amnestija dwar il-hlas tal-multi u l-parir li kellhom kien illi jistennew.

Qal illi mill-estratti tal-kotba ta` WCO Ltd ghas-snin 2008 sa 2010 jidher li fl-2010 WCO hallset lura self ta` €340,000 billi isselfithom minghand London 3 u ghalhekk din ma sservietx minn fondi mislufa lil Regent ghax dan is-self thallas lura qabel ma Regent hadet is-self minn Banif. Spjega li London 3 hadet self minn BOV u il-bilanc ta` dan is-self tnaqqas permezz ta` trasferiment ta` flus mill-bank f` Londra peress li l-flus originaw minn bejgh ta` proprjeta` f` Londra. Huwa sostna li l-bank accetta li jikkancella l-ipoteka mhux ghax kien thallas is-self kollu izda peress li l-bank deherlu li ma kellhux aktar bzonn ta` din is-*security*.

Kompla jghid li l-ishma ta` Albert House PCC jappartjenu in parti lil WCO filwaqt li l-bqija tal-ishma jappartjenu lilu u lil martu. Huwa spjega li din kienet biss vejikolu biex jigu nvestiti fondi li kellhom b`vantagg fiskali fir-Renju Unit. Huwa sostna li meta din giet likwidata fl-2011, id-dejn ta` London 3 maghha waqa` fuq is-socji bhala beneficjarji jigifieri fuq WCO, fuqu u fuq martu u b`hekk kien hemm tpacija. Huwa insista li ghalkemm huwa ovvju li l-hlas lura ta` *shareholders` loan* minghand Regent kien ta` beneficcju ghas-socji kollha fl-immedjat, fl-ebda mument ma ntuzaw fondi li sselfet Regent minghand Banif biex jitnaqqas xi loan iehor tieghu jew ta` xi socjeta` li jikkontrolla.

Huwa rega` nsista li r-raguni unika ghala ttiehdet il-loan minghand Banif kienet biex jithallsu s-*shareholders` loans* lill-membri kollha minghajr diskriminazzjoni.

**<u>Perit Edward Micallef</u>** ikkonferma x-xiehda ta` Perit Carbonaro.

L-istess ghamel **Anthony Parlato Trigona**, direttur ta` Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited.

Anthony Parlato Trigona zied ighid illi huwa qatt ma agixxa kontra l-interessi tal-Perit Vassallo u lanqas kien bi hsiebu jaghmel hekk. Id-decizjoni li ma jibqghux il-*viewing rights* ta` Vassallo kienet peress illi beda jaghmel abbuz minnhom. Wara li tnehhew il-*viewing rights*, ma saret l-ebda transazzjoni dubjuza jew dannuza ghall-kumpannija.

Fil-**kontroezami** xehed illi kien cirkolati *draft accounts* tas-sena li spiccat fil-31 ta` Dicembru 2011 u li kien ipprepara hu stess. It-tlett azzjonisti thallsu €90,000 u r-rimanenti €30,000 kull wiehed rega` tpoggew fil-kumpannija halli din ma ggarrabx pregudizzju. Hemm imnizzel zero bhala *shareholders` loan* peress li thallset kollha izda imbaghad it-tlett azzjonisti poggew €30,000 kull wiehed fl-assi tal-kumpanija biex b`hekk jigu evitati interessi u spejjez. Dawn it-€30,000 inghataw bhala personal loan.

**Perit Raymond Vassallo** xehed illi Winex kienet ser izzomm tlett sulari ta` ufficji biex tikrihom u mir-rikavat tal-kirijiet jinqasmu d-*dividends*. Winex ma kellhiex finanzi biex takkwista l-art u ghalhekk huwa flimkien ma` Carbonaro, Micallef u Parlato Trigona kienu avvanzaw is-servizzi taghhom biex iffinanzjaw nofs il-kapital tal-bidu. Hargu madwar €120,000 kull wiehed. Ma kienx hemm terminu ghall-hlas lura tas-*shareholders` loan.*

Ighid illi kien Gunju 2009 meta tnehha minn direttur. Ir-raguni ghalfejn talab il-hlas ta` s-*shareholders` loan* kien minhabba li tnehhewlu l-*viewing rights* tal-kontijiet ta` Winex fl-2009. Carbonaro nehha l-*viewing rights* ta` kulhadd originarjament izda imbaghad kienu tnehhew tieghu biss. Wara tnehha minn direttur izda baqa` jissaporti ma jitlobx lura s-self sakemm dawn bdew jolqtulu d-*dividends*. Insista li sar is-sekwestru kontra tieghu lejliet it-tieg ta` bintu.

Dwar is-self huwa mexxa mill-ewwel b`kawza bla ma pprezenta ittra ufficjali qabel. Huwa kiteb lill-bank biex ma jonorawx cheques li fuqhom ma jkunx hemm il-firem tieghu ghax beda jinduna mid-diversi abbuzi li kienu qed isehhu ghall-vantagg ta` Carbonaro u l-kumpanniji tieghu a detriment ta` Winex, u li kienu qed jinhargu cheques ghal hlasijiet bejn il-partijiet. Huwa sostna li wara li kiteb lill-bank, huwa kien iffirma certi cheques fosthom tal-MFSA u tal-awditur.

Muri l-ittra a fol 94 tal-process, huwa spjega li huwa kiteb hekk ghax ried li tidhol id-demokrazija fil-bord. Deherlu li kellu jikteb hekk ghax sa dak iz-zmien kien qed jinnota li Carbonaro kien qed ikollu jew kien qed jipprova jkollu kontroll fuq is-sahha ta` l-voti ta` Regent b`mod li jkun ta` pregudizzju ghalih u ghal persuni l-ohra.

Insista li kien qed isir sfruttament ta` l-infrastruttura minn Carbonaro u Parlato Trigona.

Xehed illi l-bank kien irrisponda illi t-talba tieghu ma kinitx tregi peress li l-*articles of association* kienu jghidu li zewg firmatarji huma bizzejjed. Huwa cahad li qatt sejjah *extraordinary general meeting*.

Qal illi huwa ma kienx qed jikkontesta l-ammont pretiz bhala danni.

Qal ukoll pero` illi l-kwistjoni kollha kienet min kien responsabbli ghal dawn id-danni.

Sostna illi huwa ma kienx responsabbli ghaliex id-danni saru ghaliex ittiehed self minn wara dahru. Is-self sar kontra l-interessi tal-kumpanija ghax il-kumpannija ddahhlet fi spejjez ta` *processing* inutli apparti l-imghax. Meta ra dak kollu li kien qed jigri, huwa kkonsulta ma` l-avukati tieghu u nghata parir li kellu dritt jitlob is-self lura. Huwa sostna li mhuwiex minnu li ma kinux jafu bit-tieg ta` bintu peress li bint Parlato Trigona kienet mistiedna ghat-tieg u Carbonaro kien qieghed btala fuq *yacht* ma` koppja li kienet mistiedna ghat-tieg. Il-mandati ta` sekwestri kien saru b`mod li dejjem habtu mal-hrug ta` *dividends*. Il-problema kienet kollha gejja mill-Perit Carbonaro.

Qal illi Carbonaro ghandu diversi kumpanniji u ghandu ammont sostanzjali ta` dejn. L-azzjonisti l-ohra inkluz Carbonaro talbu lura r-rifuzjoni tas-self peress li Carbonaro kellu ghatx ghal flus mentri Parlato Trigona kien joffri *financial control* dghajjef. Sostna li l-ghatx ghall-flus wassal lil Carbonaro biex ipperswada lill-ohrajn jiehdu self kontra l-interess ta` Regent biex b`li jiehu jaqta` self iehor li kellu ta` socjeta` ohra li kellu. Carbonaro nqeda bis-self gdid impost fuq Regent ma` Banif biex l-interessi tieghu thallashom Regent.

Ippresenta estratt minn ricerki tal-kumpanija London 3 Ltd li fis-sena 2010 hadet self ta` €300,000 mill-Bank of Valletta, u nota ta` kancellament ta` dan id-dejn fit-2 ta` Novembru 2011 meta s-self mill-Banif sehh f`April 2011. Sostna li WCO Ltd fl-2008 kellha dejn mal-BOV ta` €353,000 izda fl-2009, is-self gie trasferit

lil Albert House Property Finance. Ipprezenta wkoll dokumenti li juru li London 3 kellha dejn li waqa` fuqha. Carbonaro kellu dejn akkumulat ta` miljun ewro.

Ikkonferma li bil-kawza li ghamel ghal rifuzjoni tas-self, Regent Holdings Limited kienet ser tigi fi stat ta` insolvenza. Ighid illi bil-mandat ta` sekwestru kien ottjena €20,000, u r-rimanenti €100,000 kienu jinghataw lilu tramite d-*dividends* fi zmien sitt xhur jew sena. Sostna li ma kienx necessarju li jittiehed is-self bankarju. Kull ma kellu jsir kien li jistennew ftit xhur sa massimu ta` sitt xhur biex jircievu d-*dividends* minghand Winex u b`hekk setghu jhallsu lilu. Is-self mill-Banif ittiehed ghaliex l-azzjonisti l-ohra kellhom bzonn il-flus.

Cahad illi ghamel uzu minn taghrif kunfidenzjali u beda jxandar dak it-taghrif mal-azzjonisti ohra. Huwa insista li huwa kien ilmenta meta kien osserva li saret transazzjoni fejn Parlato Trigona inghatat ammont ta` cirka ghaxart elef ewro. Sostna li wara li baqa` minghajr risposta, kien talab lil Andrew Galea biex jistaqsi dwar din is-somma izda dan kien tah risposta fis-sens illi Parlato Trigona kien talab lil Galea biex ma jindahalx fil-kwistjoni. Huwa sostna li kien ghalhekk li avza lill-azzjonisti l-ohra peress li l-istat ta` dizgwid li kien hemm, kien jinnecessita dan. Huwa cahad li huwa ma riedx jiffirma cheques ta` Regent , hlief ghal cheque li kienu marru bih waqt laqgha li saret fil-prezenza tal-avukati u wara li huwa kien ghamel protest fejn zammhom responsabbli ghad-danni. Insista li minhabba li kien ser jippregudika ruhu, huwa ma ffirmax dan ic-cheque, izda sussegwentement irrizulta li dak ic-cheque kien biss *messa in scena* ghaliex il-pendenza mal-MFSA baqghet ma thallsitx. Huwa sostna li pprova li jaslu ghal soluzzjoni bonarja, izda din ma rnexxietx.

Perit Vassallo spjega li qabel ma` ghamel il-kawza ghar-rifuzjoni tas-self li huwa kien jaf li kull sitt xhur jithallas *dividend* lil Regent. Ghalhekk kien jaf li jekk jaghmel it-talba, il-kumpannija ma kinitx ser tigi insolventi mmedjatament u awtomatikament peress li jrid isir intervent biex tintalab insolvenza. Huwa nsista li kieku l-azzjonisti l-ohra stennew ghal xi erba` *dividends* ohra kienu jithallsu ta` dan is-self ukoll.

## III. <u>Konderazzjonijiet</u>

Mill-provi prodotti, irrizulta li l-atturi Carbonaro, Parlato Trigona u Micallef kif ukoll il-konvenut Vassallo huma azzjonisti tas-socjeta` Regent b`mod ugwali, ossija kull wiehed ghandu 125 sehem. L-istess atturi individwali huma wkoll diretturi ta` Regent li l-konvenut kien direttur izda tnehha. Irrizulta wkoll li Regent ghandha 51% tal-ishma ta` Winex Holdings Limited u kull sena kienet tircievi *dividends* minghand l-istess socjeta, liema *dividends* kienu jinqasmu bejn l-azzjonisti taghha fi kwoti indaqs.

Huwa pacifiku wkoll li sabiex Regent setghet takkwista l-ishma maggoritarji ta` Winex, Regent Holdings Limited irceviet l-fondi necessarji tramite *shareholders` loans* minghand l-azzjonisti taghha, f`import ugwali bejniethom li kien jikkonsisti fis-somma ta` madwar €480,000. Dan is-*shareholders` loan* jidher ukoll fil-kontijiet awditjati tas-socjeta`.

Hemm qbil bejn il-kontendenti illi effettivament ma nhargux fizikament flus fl-investiment inizjali peress li gara kien li l-azzjonisti taw is-servizzi taghhom professjonali u ma gabrux il-flus dovuti lilhom, biex b`hekk dak dovut lilhom gie investit fil-kumpannija. Irrizulta wkoll li s-*shareholders` loans* kienu minghajr imghax u minghajr data ghall-hlas lura tas-self.

Irrizulta wkoll li qam dizgwid bejn l-erba` azzjonisti li kkulmina fit-tnehhija ta` l-istess konvenut minn direttur ta` Regent.

Din il-Qorti mhijiex ser toqghod tidhol fil-kwistjonijiet li qamu bejn il-kontendenti izda huwa bizzejjed illi jinghad illi bdew diversi kawzi u procedimenti legali ohra bejn il-partijiet. In parentesi jinghad li rrizulta mill-provi li nqala` wkoll tilwim bejn l-atturi u l-konvenut anke fil-kwadru ta` kumpanniji ohra li jidderiegu jew fejn ghandhom ishma.

Fl-isfond ta` dan kollu, u minghajr ma` l-Qorti toqghod tifli bir-reqqa r-ragunijiet, il-konvenut tnehha minn direttur ta` Regent u baqa` azzjonista.

Skont l-attur Carbonaro, il-konvenut *"ma kienx qed ihossu komdu aktar fir-relazzjoni ta` maghna."*

Kien f`dan l-ambjent turbolenti illi l-konvenut talab ir-rifuzjoni tas-*shareholder`s loan* tieghu. Ressaq it-talba b`kawza bin-nru 1199/2010 MC. Il-kawza kienet kontestata b`risposta guramentata. Fil-mori taghha pero` Regent ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat ossija li s-*shareholders` loan* avvanzata mill-konvenut kienet dovuta u ezegwibbli.

L-atturi jsostnu li dik il-kawza saret b`abbuz ta` dritt u sabiex b`malizzja Regent titqieghed fis-sitwazzjoni li jkollha tigi xjolta u b`hekk il-konvenut ikun jista` jiehu kontroll indirett tas-socjeta` Winex Holdings Limited.

Igibu l-argument illi ma nghata l-ebda preavviz qabel il-prezentat tal-mandat ta` sekwestru kontra Regent li kien segwit mill-kawza bin-nru 1199/2010 MC.

Igibu l-argument illi l-konvenut kien jaf illi Regent ma kellhiex fondi u ghalhekk ma setghetx thallas lura dak is-self b`mod immedjat. Ghalhekk, skont l-atturi, kollox min-naha tal-konvenut kien motivat b`malizzja u b`abbuz ta` dritt aktar u aktar meta l-mandat ta` sekwestru kellu bhala sekwestratarju lil Winex peress li kien jaf li din tohrog id-*dividends* li jinghataw ukoll lil Regent.

Bil-kawza tal-lum l-atturi qeghdin jesigu minghand il-konvenuti risarciment ta` danni li sofriet Regent meta kienet kostretta tiehu self mill-Banif Bank bl-ahjar rati li setghu jigu negozjati sabiex setghu jsiru l-hlasijiet lill-azzjonisti kollha u mhux biss lill-konvenut. Ghalhekk bil-kawza tal-lum qed jintalbu lura il-hlasijiet tal-ispejjez legali ghas-self fosthom ricerki, *processing fees* u ipoteki, l-ispejjez notarili u l-imghaxijiet tal-bank.

F`dan l-isfond, dak li ghandu jigi determinat l-ewwel minn din il-Qorti huwa jekk hemmx bazi legali kif ukoll il-parametri legali rikjesti sabiex ikun hemm responsabbilita` ghal danni li allegatament gew ikkagunati lil Regent Holdings Limited u lill-atturi.

Dana qed jinghad peress li din il-kawza proprjament hija msejsa fuq allegazzjonital-atturi li kien hemm agir malizzjuz u vessatorju da parti tal-konvenut li kien jikkostitwixxi abbuz fl-ezercizzju tad-drittijiet li seta` kellu l-konvenut. Propju dik hija l-ewwel talba attrici.

Dan premess irrizulta ben evidenti min-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet illi din tal-lum hija kwistjoni ta` r-responsabilita` ghal danni naxxenti minn *culpa aquiliana.*

L-Art 1030 tal-Kap 16 jistipola li kull min jagħmel użu ta` jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b`dan l-użu.

Dan il-qies jirrizulta fl-Art 1032(1) tal-Kap 16 fejn il-ligi tghid illi jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbilta` ghad-danni.

Din in-norma fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-principju illi min ikun l-awtur ta` abbuz fl-uzu ta` jedd tieghu, huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi li l-att igib mieghu.

L-Art 1030 kien ezaminat f`diversi kuntesti partikolarment in konnessjoni mad-dritt ta` proprjeta` u l-ezercizzju ta` dan l-istess dritt fl-ambitu tal-principji ta` *buon vicinat*. Infatti l-bicca l-kbira tad-decizjonijiet msemmija fin-nota ta` referenzi tal-atturi huma sentenzi moghtija f` dak il-kuntest fejn dejjem kien sottolinjat illi min jezercita d-drittijiet tieghu barra mill-gusti limiti ghandu jhallas tal-hsara li jaghmel. Fost ohrajn, l-atturi jirreferu ghal sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Grima noe vs John Caruana"** fejn intqal :

*"Certament hadd ma hu ezenti li jaghmel uzu tal-jedd tieghu bil-qies li jmiss u jekk hekk ma jaghmilx, kellu jinzamm responsabbli ghall-konsegwenzi u kellu jirrispondi ghall-hsara li tigri b` tali abbuz. Il-ligi fl-artikolu 1030 tal-Kodici Civili ma tiddistingwix bejn jekk l-uzu ta` jedd ikunx ezercitat kostantement jew f` terminu ta` zmien limitat. Il-kriterju jibqa` wiehed u uniformi, dak il-jedd jigi uzat bil-qies. Jekk ma jigix hekk uzat, hu x` inhu t-tul ta` zmien, min jabbuza fl-ezercizzju tal-jedd irid jirrispondi ghal ghemilu. Dan naturalment ma jfissirx illi l-gar jista` joggezzjona ghal kull inkonvenjent gravi anke meta dan ikun temporanju u jkun inerenti max-xoghol ta` zvilupp tal-proprjeta` u max-xorta u n-natura tal-kostruzzjoni illi jkun jehtieg li jaghmel il-vicin. Il-principju stabbilit illi l-proprjetarju kellu d-dritt li jizviluppa l-proprejta` tieghu u li l-gar kellu jissaporti l-inkonvenjent, sakemm dan isir, jibqa` salv, b` dan pero` illi l-proprjetarju jew il-kuntrattur minnu inkarigat ma setghax jeccedi l-qies illi testigi l-ligi u jikkaguna inkonvenjent gravi li ma kienx normalment mistenni minnu. Hu dan l-eccess tal-qies li kien censurabbli u li ghalih l-appellant ghandu jirrispondi. Hu gust li jinghata rimedju ghal dak li finalment ikun abbuz ta` l-ezercizzju tad-dritt ta` proprjeta` u mhux uzu legittimu tieghu. Li jfisser li mhux kollox u bla razan jista` jsir f` isem l-izvilupp u l-progress."* (ara ukoll "**Is-socjeta` APS Bank Limited vs is-socjeta` Amalgamated Building Contractors Limited**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Ottubru 2001)

L-Art 1030 kienet mistharreg anke fil-konfront tal-Gvern u kien deciz illi dewmien aktar milli mistenni fl-ezekuzzjoni ta` xogholijiet pubblici jammonta ghal forma ta` "abbuz ta` dritt" u li allura dak id-dritt ma jkunx qed jigi ezercitat "fil-qies li jmiss" fis-sens ta` l-Art 1030 tal-Kap.16.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-17 ta` Frar 2006 fil-kawza "**Fiorino d`Oro Co Ltd vs Direttur tat-Toroq**" inghad hekk :-

*"Ir-raba` aggravju ta` l-appellant huwa bazikament fissens illi l-ewwel Qorti iddecidiet hazin meta interpretat id-dewmien aktar milli mistenni fl-ezekuzzjoni tax-*

*xogholijiet pubblici bhala xi forma ta` "abbuz ta` dritt" u li allura dak iddritt ma jkunx qed jigi ezercitat "fil-qies li jmiss" fis-sens ta` l-Artikolu 1030 tal-Kap. 16. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza appellata, u hija tal-ferma konvinzjoni li f`dan il-kaz ma kien hemm ebda interpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta ta` l-Artikolu 1030 (sia jekk moqri wahdu u sia jekk moqri fid-dawl ta` l-Artikolu 1032(1)) ghall-kaz konkret.* ***Kull persuna – u ghalhekk anke il-Gvern – li tezercita jedd li jkun lilha jispetta ghandha tezercita dak il-jedd b`mod ragjonevoli u ghalhekk b`mod li, safejn hu possibbli, ma jikkagunax hsara lil terzi. Meta tali jedd ma jigix ezercitat b`mod ragjonevoli u per konsegwenza jikkaguna hsara lil terzi, allura l-ezercizzju ta` dak id-dritt ma jkunx "fil-qies li jmiss", bil-konsegwenza li min jezercita dak id-dritt b`dak il-mod ikollu jwiegeb ghall-hsara li tigri b`dak l-uzu proprju ghax dak l-uzu jkun iddegenera f`abbuz.*** *Fil-kaz in dizamina il-konvenut hareg mill-gusti limiti meta ppermetta li x-xogholijiet in kwistjoni jiehdu ferm aktar milli kien hemm bzonn u milli kien ragjonevoli, b`mod ghalhekk li huwa ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kagunati minn dak l-istraripament fl-ezercizzju tad-dritt. Din il-Qorti, fuq il-bazi tal-fatti inkontestati kif jemergu mill-atti, taqbel perfettament ma` losservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li "filwaqt li, f`xogholijiet pubblici, wiehed ghandu jistenna li jkun hemm solidarjeta` socjali, meta l-gvern jonqos milli jiehu passi rimedjali meta jkun hemm nies qed isofru pregudizzju akbar milli hu ragjonevolment mehtieg, allura tidhol irreponsabbilta` tieghu…Il-Gvern, allura, ma jirrizultax li f`dan il-kaz, wettaq il-jeddijiet tieghu `fil-qies li jmiss`, u lanqas ma wera l-hsieb ta` missier tajjeb ta` familja u ghal dan in-nuqqas ghandu jwiegeb ghad-danni."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Fil-kaz tal-lum mhuwiex kontestat li l-konvenut kellu kull jedd li jitlob lura r-rifuzjoni tas-self li kien dovut lilu minn Regent Holdings Limited. Tant hu hekk li Regent ammettiet it-talba tal-konvenut odjern. Dan huwa in linea ma` dak li gustament irrefera ghalih l-konvenut fin-nota ta` referenzi tieghu fir-rigward tas-sentenza "**Rev Kjeriku Carmelo Bonavia et vs Giuseppe Fenech et**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Mejju 1946 fejn kien inghad illi fil-kaz ta` self restitwibbli *a richiesta*, il-mutwant mhux marbut bl-ebda zmien u ghalhekk salv li jaghti zmien ragjonevoli lid-debitur, huwa fi kwalunkwe zmien jista` jitlob ir-restituzzjoni tal-flus.

Dan premess il-Qorti xorta wahda sejra tqis jekk il-konvenut abbuzax mid-dritt tieghu.

L-atturi sostnew illi l-konvenut abbuza mill-jedd tieghu kif gej :-

**L-ewwel raguni** tal-atturi hija li s-*shareholders` loan* kienet biss *paper transaction.* Huwa veru li kien hemm qbil bejn il-kontendenti li effettivament ma nhargux ammonti fizikament mill-erba` azzjonisti, izda huwa minnu wkoll li l-istess

erba` azzjonisti taw u rrendew servizzi professjonali taghhom li ma thallsux ghalihom sabiex b`hekk ikunu jistghu jgib `il quddiem il-kumpannija. Inoltre, dan is-*shareholders` loan* kien imnizzel fil-kotba tal-kumpanija.

Kif jghid L.C.B. Gower **"The Principles of Modern Company Law"** (Third Edition) :-

*"Loan capital is fundamentally different from share capital; it is a legally enforceable debt and not a mere book-keeping entry. It too will appear on the liabilities side of a balance sheet."*

**It-tieni raguni** tal-atturi hija li dawn il-flejjes kienu ilhom jigu meqjusa bhala kapital aggunt ta` Regent Holdings Limited.

Huwa minnu li matul is-snin, hadd mill-azzjonisti ma talab ir-rifuzjoni ta` dawn il-flejjes, izda dan il-fatt certament ma jnaqqarx mill-obbligu ta` Regent illi effettivament kellha passiv li f` xi stadju jew iehor kellu jithallas.

L-atturi sostnew li Regent ma jkollha qatt fondi li bihom tkun tista` thallas ghaliex hija *holding* u mhux *trading company*.

Ghal darb`ohra, din il-Qorti ma tarax li dan jassisti l-pretensjoni tal-atturi. Il-fatt jibqa` illi Regent Holdings Limited kellha passiv versu lejn erba` persuni distinti u minkejja dak il-passiv, kienet b`mod regolari tircievi *dividends* li kienu jitqassmu lill-azzjonisti taghha.

**Raguni ohra** tal-atturi illi l-*loans* kienu minghajr skadenza.

Kif diga` nghad aktar kmieni, il-fatt li s-self kien minghajr skadenza, ifisser li l-mutwant mhux marbut bl-ebda zmien u jista` ghalhekk jitlob ir-restituzzjoni tal-flus fi kwalunkwe zmien – fatt li Regent stess accettat bl-ammissjoni taghha.

**Inghad ukoll** illi Vassallo abbuza mid-dritt tieghu peress li l-mandat ta` sekwestru li ppreceda l-kawza ghat-talba ta` restituzzjoni ta` self ma kienx precedut minn semplici ittra jew telefonata li titlob ir-radd ta` dak is-self.

Il-Qorti tirrimarka illi fic-cirkostanzi tal-kaz fejn kien hemm dizgwid serju bejn l-azzjonisti anke fil-kuntest ta` kumpanniji ohra, ma kienx hemm

intempestivita` da parti tal-konvenut. Anke din il-kawza stess u l-mandat ta` sekwestru li kien relatat maghha ma kienux preceduti b` ittra legali.

Din il-Qorti tinnota wkoll li l-kawza ghar-restituzzjoni tas-self fil-bidu kienet kontestata u wara kienet ammessa. Ghalhekk il-fatt stess li kien hemm kontestazzjoni juri kemm anke li kieku saret xi ittra qabel il-mandat ta` sekwestru, xorta wahda l-ammont ma kienx ser jithallas, dan aktar u aktar huwa validu meta jerga` jigi jitqies illi Regent fir-ragunijiet moghtija precedentement argumentat li ma kellhiex fondi biex thallas lura dan is-self, u ghalhekk din il-linja ta` hsieb turi kemm sa minn dejjem l-intenzjoni originali kienet li is-self ma jithallasx.

**L-ahhar raguni** tal-atturi hija bbazata fuq il-fatt li l-konvenut kien jaf li dik il-mossa kienet ser twassal ghall-insolvenza teknika ta` Regent. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni li ghamel il-konvenut fin-nota ta` referenzi tieghu ossija dik moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-11 ta` Lulju, 2013 fil-kawza "**Oreste Cilia vs Cilia Products Limited (C-4378)" :**

*"L-argument li l-ezegwibbilita` tal-kreditu tista` tqieghed lill-kumpanija f`qaghda finanzjarja difficli ghandu certu validita` izda l-Qorti tinnota li l-ligi timponi obbligu fuq ilkumpanija u d-Diretturi taghha li ma jiddikjarawx dividends jekk il-profitti huma insufficjenti. Galadarba d-Diretturi waslu biex ghamlu din id-dikjarazzjoni, wiehed ghandu jifhem li l-profitti kienu sufficjenti bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-ammonti msemmija, altrimenti tali dikjarazzjoni tkun illegali."*

Fil-kaz tal-lum, l-atturi kkonfermaw li Regent tircievi *dividends* minghand Winex u dawn jitqassmu lill-azzjonisti taghha. Ghalhekk jirrizulta li kien hemm sitwazzjoni fejn l-azzjonisti kienu qed jircievu dawn id-*dividends* u fl-istess hin il-passiv jibqa` hemm pendenti mhux imhallas. Din il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont ta` dan it-tqassim regolari ta` d-*dividends*, l-argument li l-ezegwibilita` ta` l-kreditu kien ser iqieghed lil kumpannija fi stat kwazi ta` insolvenza mhuwiex daqstant affidabbli, peress li setghet tittiehed decizjoni fis-sens illi d-*dividends* ta` Winex imorru biex jithallas id-dejn.

Ghal din il-Qorti ma kienx ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi l-konvenut abbuza mill-jedd tieghu.

Hemm **osservazzjonijiet ohra** x`jsiru.

Apparti li l-Qorti ma tarax li gie ppruvat l-abbuz tad-dritt da parti tal-konvenut, tqis ukoll illi lanqas ma kien sodisfacentement ippruvat li dak l-allegat abbuz kien jikkostitwixxi ness ta` kawza u effett mad-danni sofferti.

Sabiex konvenut jista` jinstab responsabbli civilment ghal danni li gew ikkagunati lil attur, jinkombi lill-attur l-piz tal-prova tan-ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz :-

*"Illi n-ness ta` kawzalita` hu fic-centru tal-problema tar-responsabbilita` civili, minghajr il-htiega f` dan ir-rigward (mhux biss fid-dottrina moderna tal-obbligazzjonijiet imma anki fil-logika) ta` distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bhala kawza tad-dannu jridu ikun il-kawza generatrici tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f` ness ta` kawzalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bazata domanda ghar-rizarciment."* ("**Paul Laferla vs Commodore Edward Palmer noe**" deciza fil-11 ta` Dicembru 1967 mill-Qorti ta` l-Appelli Kummercjali)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Carmelo Farrugia et vs Victor Conti**" inghad illi abbazi_ta` diversi sentenzi fosthom dawk riportati fil-Kollez. Vol. XLI.I.800, XXVI.I.687 u XLII.I.517, *"sabiex tirrizulta` responsabbilta` ghall-hsara, irid ikun hemm ness ta` kawza u effett, u dan in-ness irid jigi pruvat mill-vittma tal-hsara."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` Gunju 1995 fil-kawza "**Joseph Grech vs Emanuel Ellul pro et noe**" kien riaffermat illi n-ness ta` kawzalita` huwa essenzjali fil-kamp tar-responsabbilita` civili :

*"Hu rikjest fl-istess hin pero`, sabiex ikun hemm lok ghad-danni, li jkun hemm in-ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza.* (Halsbury, Law of England Vol. X p. 93 para. 115 u sentenza Vol. XLIV p.I p.343)."

Fil-kaz tal-lum kienet decizjoni tal-Bord tad-Diretturi u *ergo* tas-socjeta` Regent Holdings Limited li jittiehed self bankarju biex ikopri mhux biss l-ammont li kien dovut lill-konvenut izda wkoll ammont sostanzjali mid-debitu dovut lit-tlett azzjonisti ohra. Ghalhekk, is-socjeta` marret oltre, u minflok ma ghaddiet biex semmai tiehu self fir-rigward tal-kreditu dovut lill-konvenut, ghax dan kellu urgenza billi kien hemm kawza pendenti, u kien l-uniku azzjonista li kien sa dak iz-zmien talab il-hlas lura tas-self, inkorriet spejjez ferm akbar sabiex tiehu self aktar sostanzjali biex tkopri parti mis-self li gie moghti lilha mill-azzjonisti l-ohra.

Fl-ebda hin, ma tressqu provi li l-azzjonisti l-ohra kienu interpellaw lis-socjeta` sabiex jithallsu ta` s-self taghhom. Izda sempliciment sar l-argument li jekk kien ser jithallas azzjonist wiehed, kienet ser issehh diskriminazzjoni ma` l-

azzjonisti l-ohra u ghalhekk kien aktar opportun li tittiehed *loan* akbar mis-socjeta` Regent Holdings Limited.

Din il-Qorti ma tarax kif il-konventut anke li kieku ghall-grazzja tal-argument abbuza mid-dritt tieghu, seta` qatt jigi mizmum responsabbli ghal danni li ma jirrigwardawx is-self tieghu biss izda wkoll is-self ta` azzjonisti ohrajn, li lanqas ma tressqet prova li kienu wkoll talbu r-rifuzjoni tas-self minnu moghti lil Regent Holdings Limited.

Huwa sinjifikanti wkoll illi d-decizjoni li ttiehdet kienet illi l-loan tkun tkopri biss parti mill-hlas dovut lit-tlett azzjonisti ohra, filwaqt li r-rimanenti bilanc jitnizzel bhala *personal loan* ta` kull wiehed mit-tlett azzjonisti u sa anke intalab mill-membri li jithallas imghax xieraq fuq dan il-bilanc. Jinsorgi l-kwesit : kien dan l-ahjar interess ta` s-socjeta` ? Il-Qorti tafferma illi l-ispejjez konnessi mas-self bankarju setghu jigu evitati billi l-ewwel jithallas il-konvenut ghax kien hemm kawza pendenti, u wara jithallsu l-azzjonisti l-ohra mid-*dividends* li Regent tircievi regolarment minghand Winex. Mill-provi rrizulta li fl-2011 Regent Holdings Limited irceviet €138,993.36c bhala *dividends* minghand Winex holdings Limited.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeghda tichad it-talbiet kollha tal-atturi. Tordna lill-atturi sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**